FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 6 TA' DICEMBRU 2001

PULIZIJA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
VS
RAYMOND MALLIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Mallia ta' 36 sena iben Joseh u Rita xebba Briffa imwieled Pieta nhar it-23 ta' Mejju 1961, residenti no.4 St Mary Flats, Triq it-Torris Sliema karta tal-identita 343961M talli f'dawn il-gzejjer, fl-1 ta' Lulju 2000, u matul ix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu, u kif wkoll zamm arma tan-nar u cioe pistola awtomatika tal-marka RAVEN MP 25, kalibru 0.0254, numru tas-serjur 1875231, kif wkoll munizzjon u cioe 55 balla ta' kalibru 6.355mm, minghajr licenzja mahruga mill-Kummisarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) u 3(1a) tal-kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli f'dawn il-gzejjer, fl-1 ta' Lulju 2000, u matul ix-xhur ta' qabel, bhala persuna li giet fil-pussess ta' l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Art 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli f'dawn il-gzejjer, fl-1 ta' Lulju 2000, u matul ix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess u/jew that il-kontroll tieghu, pistola awtomatika tal-marka RAVEN MP 25, kalibru 0.0254, numru ta-serje 1875231, kif wkoll munizzjon ghall-istess arma imsemmija u cioe 55 balla ta' kalibru 6.355mm, li fuqhom id-dazju ma

kienx gie imhallas u/jew kawtelat u li importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u dan bi ksur ta' l-artikolu 60(a)(b)(d) u (k), l-Art 62(a)(b)(d)(f)(I)(h)(k) paragrafu (a) tal-proviso ta' l-art 62 tal-Ordinanza tad-Dwana kap 37. Dawn l-oggetti ghandhom valur ta' Lm15.00 u Lm5.50 rispettivament u Dazju ta' Lm1.21,5 u Lm0.44,5 rispettivament.

F'isem il-Kummisarju tat-Tazza fuq il-Valur Mizjud, talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Lulju 2000, u matul ix-xhur ta' qabel instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu pistola awtomatika tal-marka RAVEN MP 25, kalibru 0.0254, numru tas-serje 1875231, kif wkoll munizzjon ghall-istess arma imsemmija u cioe 55 balla ta' kalibru 6.355mm, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm3.32,0 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998).

Talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-1 ta' Gunju 1992 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru 2001 fejn l-imputat ametta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 3(1) u 3(1a) tal-kap 66, Art 9 tal-kap 9, Art 60(a)(b)(d) u (k), Art 62(a)(b)(d)(f)(I)(h)(k) paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Art 62 tal-Ordinanza tad-Dwana kap 37, Art 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u tikkundannah ghal jumejn prigunerija u multa ta' Lm74 u inoltre tordna il-konfiska tal-oggetti.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.